MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 147/1998/1

Michael u Mary konjugi Camilleri .

vs

John u Darlene konjugi Inguanez .

Il-Qorti,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jikkonsenjawlhom s-sett tal-pranzu illi jikkonsisti f'mejda u sitt siggijiet li nxtara mill-atturi minghand Werne M. Bless meta kien mibjugh lill-konvenuti l-flat numru hamsa (5), Almond Court, triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex mill-istess Werne M. Bless, liema sett tal-pranzu intom konvenuti, minkejja li tafu li huwa proprjeta' tal-atturi, qed tirrifjutaw li tikkonsenjawh lilhom, minghajr l-ebda raguni valida .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-ghoxrinn (20) ta’ Novembru, ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) kontra taghkom u bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi l-eccipjenti ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi stante li l-istess eccipjenti innegozjaw ix-xiri ta’ l-appartament numru hamsa (5), Almond Court, Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex, ma’ certa Werner M. Bless u ma’ ebda terza persuna ohra ;

3. Illi matul it-transizzjoni tal-fond imsemmi fil-paragrafu precedenti qatt ma gew imsemmija kundizzjonijiet rigwardanti trasferimenti ta’ mobilja mill-istess fond kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ vendita maghmul fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Enzo Dimech u datat hdax (11) ta’Lulju, 1997 ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavit u dokumenti ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tordna lill-konvenuti jikkonsenjawlhom sett tal-kamra ta’ l-ikel konsistenti f’mejda u sitt siggijiet li huma jikkontendu li kienu proprjeta’ taghhom, ghax kienu gew moghtija lilhom in kumpens ta’ xi debiti li s-sid precedenti tal-appartament fejn kienu jinsabu kellu maghhom . Il-konvenuti da parti taghhom jallegaw illi dawn l-oggetti kienu jappartjenu lilhom ghax inkluzi fil-bejgh ta’ l-istess appartament .

In linea preliminari l-konvenuti jeccepixxu n-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejnhom u l-atturi . Huwa minnu illi huma ma xtrawx minghand l-atturi, imma kemm-il darba jirrizulta illi l-ghamara reklamata tassew tappartjeni lill-atturi, l-unika mezz illi dawn kellhom sabiex jigbru dak li jghidu li huwa taghhom, huwa billi jfittxu lill-konvenuti ghalihom kif fil-fatt ghamlu . Ghalhekk din ir-relazzjoni guridika trid tirrizulta mill-kumpless tal-provi .

Kopja tal-kuntratt ta' bejgh li permezz tieghu il-konvenuti akkwistaw l-appartament in kwistjoni, gie esebit fl-atti tal-kawza (Dok. MC. 1 a fol. 15 et seq.) . Imkien f'dan il-kuntratt ma ssir ebda referenza ghall-ghamara ezistenti f'dan l-appartament . Allura jidher illi hawnhekk wiehed ghandu jara jekk japplikax l-**artikolu 1003 tal-Kodici Civili** dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti li jghid illi :

"*Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet*" .

Il-Qorti trid ghalhekk tiddecidi, wara li tezamina l-provi prodotti, jekk jistghax jaghti l-kaz illi, minkejja li l-kontraenti fuq dak il-kuntratt ma semmew xejn f'dan il-rigward, l-intenzjoni taghhom kienet illi l-ghamara ezistenti fl-appartament in kwistjoni kienet qed tigi trasferita wkoll (ara f'dan is-sens "Dr. Joseph Vella Galea v. Joseph Vella: 1.7.1985; vol. LXIX 1985 Pt. 1-II Sez. I. p. 276; Vincenti v. Staines: 25.10.1940 u Attard v. Borg. 21.3.1941 vol. XXXI. I. 49", lkoll iccitati fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi) **.**

Irrizulta illi fuq il-kuntratt imsemmi kien deher in-Nutar Mark Coppini ghall-venditur Werner Bless . Imma t-trattattivi dwar il-bejgh ta' l-appartament saru bejn Gabrielle Thomas Sipe li kienet tiehu hsieb l-affarijiet ta' Bless f'Malta u Vincenza Debattista, omm il-konvenuta . Fix-xhieda tieghu l-attur jispjega kif hu kien prezenti meta sar il-qbil dwar il-bejgh ta' l-istess appartament . Fost l-affarijiet li dwarhom kien sar il-qbil kien hemm il-fatt illi l-

kumpraturi ma kienux interessati illi jixtru l-ghamara li kien hemm f'dan il-flat . Dan il-punt gie konfermat minn Thomas Sipe li fl-affidavit taghha (a fol. 13) stqarret illi, ghan-nom tal-venditur, hija kienet talbet elf lira maltija (Lm1000) zejda fuq il-prezz tal-immobbli, bhala prezz ta' l-ghamara li kienet tinsab fil-flat . Din l-offerta ma gietx accettata u kien ghalhekk illi tliet gimghat wara li kien gia sar il-bejgh, hija hadet l-inkarigu li ggorr l-ghamara 'l barra mill-flat . L-istess xhud issemmi wkoll diversi persuni, fosthom l-attur, li marru maghha sabiex jigbru l-ghamara .

Imma meta l-attur gie biex jigbor il-mejda u siggijiet li kien miftiehem mal-venditur illi jiehu in kumpens ghal xi debiti li dan kellu mieghu (ara korrispondenza ta' Werner Bless esebita bhala Dokti. MC. 1 sa M.C. 4 a fol. 34 – 37), omm il-konvenuta, talbitu sabiex ihallihom hemm ftit iehor sakemm jinxtraw ohrajn minflokhom .

Huwa ferm sinjifikanti ukoll ghal soluzjoni ta' din il-kawza, l-fatt illi f'dik l-okkazzjoni tal-garr ta' l-ghamara, il-konvenuti talbu lil Thomas Sipe sabiex tbighelhom zewg sodod li kien hemm fil-flat ghal prezz ta' hamsin lira (Lm50) .

Dawn il-fatturi kollha jindikaw illi l-pretensjoni tal-konvenuti illi huma xtraw il-flat bl-ghamara b'kollox, ma tantx tista' tkun verosimili . Mistoqsijin ghalfejn ippermettew lil Thomas Sipe tiehu daqstant affarijiet mill-flat taghhom, tlett gimghat wara li kien sar il-bejgh, il-konvenuti wiegbu li din kienet hadet biss l-affarijiet personali taghha li kien ghad hemm fil-flat, billi dan kien taghha qabel ma gie trasferit lil Bless . Imma ma tantx jidher illi Thomas Sipe garret biss affarijiet personali, ghax dakinhar hija marret bi truck u erba' irgiel biex jassistuha fil-garr ta' l-ghamara . Madankollu hadd mill-konvenuti ma seta' jiftakar x'kienet attwalment garret Thomas Sipe .

Lanqas ma kien ikun hemm il-htiega li l-konvenuti jitolbuha li jzommu z-zewg sodod u jhallsu hamsin lira (lm50) ghalihom, haga li l-konvenuti qatt ma nnegaw, jekk dawn suppost illi kienu gia taghhom .

Kif tajjeb jirrimarkaw l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom, min hija dik il-persuna li, wara li tkun iffirmat kuntratt bl-intenzjoni li xtart appartament b'dak kollu li kien hemm fih, ser thalli lil xi hadd jidhol fi hwejjigha u ggorr kull ma jrid minghajr l-icken kontroll, u di piu' jitolbu jhallilha zewg sodod li ghalihom kien lest jerga' jhallas .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija ghalhekk konvinta illi l-atturi ghandhom ragun fil-pretensjoni taghhom . Qatt ma seta' kien hemm l-intenzjoni illi l-flat mixtri mill-konvenuti kien qed jinbiegh *furnished* u ma jirrizulta ghalhekk ebda konflitt bejn il-kliem uzat fil-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni u l-intenzjoni tal-kontraenti . Ghaldaqstant bhal ma l-konvenuti ppermettew lil Thomas Sipe tiehu l-affarijiet taghha mill-istess flat, kellhom ihallu lill-attur Michael Camilleri jigbor il-mejda u s-siggijiet li l-venditur kien qallu biex jiehu bhala kumpens ghas-servizzi lilu moghtija .

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti .
S14798G2Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------